MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru. 268/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Silvio Valletta**

**vs**

**Mario Spiteri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mario Spiteri ta’ 29 sena iben Charles u Maria xebba Buttigieg, mwieled Attard nhar 14 ta’ Gunju 1975 u residenti Triq it-Torri ta’ Block B Flat 9, Binja Buqana, Triq l-Arlogg ta’ l-Imtarfa, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 13576M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Nhar 19 ta’ Marzu 2006 ghal habta ta’ 2.30 ta’ wara nofs in-nhar gewwa l-Belt Valletta, ingurja hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PC 40 Raymond Saliba, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz (Art 95 tal-Kap 9) ;

b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PC 40 Raymond Saliba u PC 1176 Kurth Zahra, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti (Art 96 tal-Kap 9) ;

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku (Art 338 dd) ;

d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe PC 40 Raymond Saliba, jew ma hallihx, jew fixklu, waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi igib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi jew b’xi mod iehor li jkun ; (Art 338 ee) ;

e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku ;

f) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-marka Jaguar bin-numru ta’ registrazzjoni G927BD, bla kont, u b’manjiera traskurata u kien ta’ periklu ghal terzi persuni ;

g) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta’ ghamla Jaguar bin-numru ta’

registrazzjoni G927BD minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni ;

h) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali ;

i) Fl-ahharnett akkuzat talli waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar 22 ta' Lulju 2005, fejn hu kien gie misjub hati u kkundannat ghal piena ta' 18-il xahar habs sospizi ghal sentejn, ikkommetta dan ir-reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Marzu 2006 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' April 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fid-19 ta' Marzu 2006 ghall-habta ta' 2.30pm gewwa l-Belt, Valletta bejn l-imputat u zewg Pulizija tal-Mobile Squad, PC1176 Kurt Zahra u PC40 Raymond Saliba, li waqt li kienu qed jaghmlu patrol fil-Belt Valletta waqfu lill-imputat sabiex jivverifikaw il-licenzja tal-vettura u l-polza ta' assikurazzjoni relattiva u huwa rrezista l-arrest u wara li inghajtu pulizija addizzjonali fuq il-post l-imputat safa' arrestat u addebitat bl-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat :

Illi l-prova ewlenijia migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz hija x-xhieda ta’ PC40 Raymond Saliba li xehed f‘dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-5 ta’ Dicembru 2006 fejn huwa spjega li kien qed jaghmel ronda l-Belt meta ra lill-imputat qed isuq vettura tal-marka Jaguar u bi pjanci ta’ registrazzjoni barranin u dan malli ra lil Pulizija ghamel U–turn quddiem il-Baviera, werzaq it-tyres u harab minn fuq il-post. PC40 jghid li huma ma rnexxilhomx ilahqu mieghu izda meta madwar nofs siegha wara regghu inzertawh niezel min-naha t’isfel ta’ Old Bakery Street lejn il-Baviera u huma grew warajh u waqfuh Marsamxett Road kwazi hdejn il-bandli. PC40 jghid li huwa tah ordni sabiex johrog mill-vettura u ghall-ewwel irrifjuta izda mbaghad hareg u beda’ jidghi u jakkuzah li kien imqabbad mieghu u mbaghad ghamel rasu vicin tax-xhud tant illi dan issuppona li kien ser jaghtih daqqa ta’ ras u ghalhekk imbuttah sabiex jistabbilixxi distanza bejniethom. PC40 jghid li dak il-hin huwa prova jarresta lill-imputat izda huwa rrezista l-arrest u huwa ghalhekk sejjah karozza ohra tal-Mobile Squad ghall-assistenza. PC 40 qal li minn indagni ulterjuri li ghamlu rrizulta li l-vettura li kien qed isuq l-imputat la kienet licenzjata ghat-triq u l-anqas kienet koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika xhud iehor migjub mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz kien l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur l-Ispettur, ilum Supretendent, Silvio Valletta, li meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta’ Marzu 2007 qal dak li rrizultalu waqt l-investigazzjoni meta l-imputat ittiehed id-Depot.

Ikkunsidrat :

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b’diversi mputazzjonijiet izda jrid jinghad mill-ewwel li la ngabet prova li
l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-

Kodici Kriminali u l-anqas ingabet prova li l-imputat ikkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza stante li la ngabet kopja tas-sentenza relattiva u wisq anqas saret il-prova tal-identita'. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (h) u (i).

Permezz tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (a) u (b) l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali u cioe' ir-reati ta' ngurji, theddid jew offiza fuq ufficjal pubbliku u ir-reat ta' attakk b'rezistenza kontra ufficjal pubbliku. Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li la gie pruvat li l-imputat ingurja jew hedded lil PC40 jew li altrimenti ghamel offiza fuq il-persuna tieghu ghaliex PC40 qal li l-imputat ghamel rasu vicin tieghu izda ma qalx li huwa effettivament attakkah jew laqtu. Kull ma qal PC40 kien li l-imputat irrezista l-arrest u huwa kellu jsejjah ghall-ghajnuna izda anki meta gie mistoqsi specifikatament huwa naqas milli jispecifika b'liema mod l-imputat irrezista l-arrest. Meta xehed l-Ufficjal Prosekutur huwa spjega li l-Pulizija li arrestaw lill-imputat qalulu li dan tal-ahhar beda' gej bil-paroli u kien ghal din ir-raguni li huma sejhu ghall-ghajnuna ta' vettura ohra tal-Mobile Squad. Fil-fehma tal-Qorti il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex iggib provi sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat effettivament irrezista bi vjolenza lill-ufficjal inkarigat li jesegwixxi l-ligi jew li altrimenti huwa ngurja jew hedded jew ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Il-Qorti min-naha l-ohra jidrilha li mix-xhieda ta' PC40 jirrizulta li l-imputat m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku, li huwa kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied u li huwa qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (c), (d) u (e). Ghalkemm PC 40 qal li l-imputat effetwa U-Turn meta ra l-vettura tal-Pulizija l-ewwel darba u li huwa werzaq it-tyres il-Qorti ma jidrilhiex li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat saq b'mod traskurat u bla kont jew li huwa kreja perikolu ghal terzi

persuni. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (f).

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-imputazzjoni mmarkata bhala (g) l-imputat jinsab akkuzat li saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni G927BD minghajr ma din il-vettura kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni. L-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jkun prezunt li ma hemmx polza ta' assikurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) tal-istess Artikolu kemm il-darba min jigi akkuzat bir-reat taht dak is-subartikolu ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat tal-assikurazzjoni mahrug taht l-Artikolu 4(4). F'dawn il-proceduri l-imputat naqas milli jgib tali prova u ghalhekk tiskatta l-prezunzjoni li l-vettura li huwa kien qed isuq ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri r-riskji ghal terzi persuni. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala (g).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 338(dd), 338(ee), 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (c), (d), (e) u (g) u tikkundannah multa ta elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax(12) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------